MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1153/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Domenic Schembri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Domenic Schembri [460371(M)]**

**Vs**

**Jesmond Borg**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' tlett mija u hamsa w erbghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu

(Lm345.23c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident izda l-istess incident gara unikament tort ta' Nataline Schembri.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Nataline Schembri qalet:

"Jiena kont tiela' fi Triq Garcin u sibt lill-iehor gej minn Triq l-Irmigg min-naha tax-xellug fuq *wrong side*."

Il-konvenut qal:

"Kont qed insuq fi Triq l-Irmigg u peress li fuq ix-xellug kien hemm *container* trakk numru FHQ 046 ipparkjat kelli nohrog ftit 'il barra u dak il-hin sibt il-vettura l-ohra fuqi."

Il-verzjoni ta' l-assigurazzjoni hija:

"It is to be pointed out that during such collision a container truck FHQ 046 make ERF was parked on the left side of the road in Triq l-Irmigg.  The container was obstructing the free flow of traffic in Triq l-Irmigg."

Ra x-xhieda ta' Nataline Schembri fejn tghid li waqfet fi Triq Garcin sabiex tara jekk humiex gejjin xi karozzi minn fuq il-lemin fi Triq l-Irmigg.  Taqbel ma' l-iskizz.

Tghid li ezatt kif dahlet il-*first* sabiex tikser, il-konvenut gie *wrong side* u sar l-impatt.

Tghid li bhala hsara kellha fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin.  Il-konvenut kellu hsara mal-bieba fuq in-naha tad-driver.

Fil-kontro-ezami l-ewwel tghid illi ratu ma' l-impatt.  Tghid ukoll illi l-konvenut kien qallha li ma rahiex minhabba l-

*container*.  Schembri terga' tikkonferma li kienet wieqfa meta sar l-impatt.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li dakinhar ta' l-incident kellu jghaddi *wrong side* minhabba li kien hemm *container* fuq ix-xellug tieghu. Jghid illi daqq il-horn u Schembri harget bil-vettura taghha minn *side street* u sar l-impatt.  Borg jghid illi Schembri waqfet biss mal-vettura tieghu u mhux fil-kantuniera.

Borg jghid illi l-karozza ta' l-assigurata mas-socjeta' attrici kienet naqra ohra 'l barra.

Jikkonferma li ra lil Schembri hierga u daqq il-horn. Jichad illi tela' l-bankina.  Jikkonferma wkoll illi kien *wrong side*.

Bhala hsara jghid illi kellu fuq il-bieba u l-*mudguard* fuq in-naha tal-lemin quddiem.  Fuq il-faccata ma kellux hsara.

Ra x-xhieda ta' Emanuel Lautier li huwa l-habib tal-konvenut fejn dakinhar ta' l-incident kien ghaddej warajh. Jikkonferma li kien hemm *container* ipparkjat fuq ix-xellug tieghu.  Jghid li Schembri baqghet hierga mis-*side street*. Lautier jghid ukoll li t-triq m'hijiex wiesgha u ghalhekk kellu jirriversja.  Jaqbel ma' l-iskizz.

**Ikkunsidra**

Illi m'hemmx dubju li kienet l-assigurata tad-ditta attrici li kellha tassigura li tista' tohrog fuq il-*main road* minghajr ma tostakola t-traffiku fuq il-*main road*.  Fix-xhieda taghha Nataline Schembri qalet li kienet wieqfa fil-mument tal-habta u ma hargitx fit-triq.  Fl-i*statement* taghha lill-pulizija Schembri ma qalitx li kienet wieqfa fil-mument tal-habta u lanqas li kienet ghadha ma hargitx fit-triq.  Il-konvenut ma kellu ebda hsara fuq quddiem tal-vettura tieghu.

Illi l-konvenut mar *wrong side* minhabba t-*trailer* li kellu fuq ix-xellug tieghu.  Illi meta xehed il-konvenut qal li daqq il-horn meta ra lill-karozza hierga u kien daqq il-horn hdejn Triq Garcin, l-Imsida.  Illi meta tkellem mal-pulizija ezatt

wara l-incident, il-konvenut ma qal xejn dwar il-horn. Il-konvenut kellu joqghod attent specjalment ghaliex kien qieghed isuq daqshekk vicin fejn setghu hargu karozzi.

Illi fil-kawza **GasanMamo Vs Said - Tribunal Ghal Talbiet Zghar 695/2003AE deciza 26/9/2003** u **Fogg Vs Zahra - Appell 28/6/2002** gie ddikjarat li f'sitwazzjoni simili z-zewg partijiet huma responsabbli.

Id-danni ma gewx ikkontestati u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jilqa' in parte t-talba attrici, jiddikjara li r-responsabbilta' u l-htija ta' l-incident in kwistjoni ghandha tinqasam fi grad indaqs bejn iz-zewg sewwieqa u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm172.62c). Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------